MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2004

Numru 148/2004

PULIZIJA
SPETTUR CARLO ELLUL
VS
JESMOND AQUILINA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Jesmond Aquilina ta’ 31 sena, iben Joseph u geogia nee Baldacchino, imwieled Hal Qormi fit-12 ta’ Awissu 1972 u joqghod Flat 16, Blk A, Triq it-Torri ta’ l-Arlogg, Binja Buqqana Mtarfa detentur tal-karta tal-identita numru 0365772M talli fit-12 ta’ Settembru 2003 u fis-snin ta’ qabel bhala d-detentur tal-flat Nru 16, Block A Trqi it-Torri tal-Arlogg, Mtarfa jew bhala l-persuna illi kellu f’idejh l-imsemmi fond b’diversi atti maghmulin fi zminijiet li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda.

Talli ikkommetta serq ta' kurrent elettriku li jammonta ghal Lm87 ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz hin u aktar

Talli ghamel hsara jew kisser parti mill-meter tal-elettriku hjew is-sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew is-sigilli taghhom jew gumni wzati fil-provista tal-elettriku jew is-sigilli taghhom.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tad-29 ta' Marzu 2004 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 18, 263, 264, 270, 326 tal-kap 9 u Art 22 tal-kap 446 tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------